MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 482/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Emanuele Caruana**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Emanuele Caruana talli fit-23 ta' April 2011 ghall-habta ta' 5.30 a.m. fir-residenza matrimonjali tieghu fiz-Zejtun:

(1) bl-imgieba tieghu kkaguna lill-persuni ta' martu Rita Caruana u lil bintu Antonella Caruana biza' li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-proprjeta` taghhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta` ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subien jew bniet jew xi

persuna ohra msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kodici Kriminali;

(2) volontarjament volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika bi sotrbju, b'ghajjat u/jew bi glied;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Novembru 2011 li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat l-artikoli 251B(1), 338(dd) u 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imsemmi Emanuele Caruana hati ta' l-ewwel imputazzjoni u kkundannatu xahar prigunerija, liema perijodu m'ghandux jibda jsehh jekk huwa ma jikkommetix reat iehor fi zmien sentejn mid-data tas-sentenza, u dan a tenur ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li dwar it-tieni imputazzjoni ddikjarat din l-imputazzjoni preskritta;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Emanuele Caruana pprezentat fis-17 ta' Novembru 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonferma dik il-parti fejn illiberatu mit-tieni imputazzjoni, tilliberah ukoll mill-ewwel imputazzjoni;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta' l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semghet ix-xhieda; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravji ta' l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) li l-ewwel Qorti adottat procedura zbaljata meta ordnat differiment tas-smiegh tal-kawza ghaliex il-kwerelanta ma dehritx nonostante illi kienet notifikata validament skond il-ligi; (2) li, minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-sentenza appellata tmur kontra l-artikolu 2 tal-Protokoll Numru 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Umani; (3) li, minghajr pregudizzju ghall-aggravji precednti, l-ewwel Qorti m'ghamlitx apprezzament tajjeb tal-provi.

**6.** Dwar l-ewwel aggravju l-appellant jispjega illi l-kwerelanta ma pprezentat l-ebda rikors flimkien ma' dikjarazzjoni mahlufa illi hi ma tistax tattendi ghas-smiegh

tal-kawza. Ghalhekk, jghid l-appellant, skond l-artikolu 374(e)(g) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, id-dritt ta’ azzjoni tal-kwerelanta ntilef u l-ewwel Qorti ma setghetx tordna d-differiment tas-smiegh tal-kawza u sussegwentement tisma’ l-kawza.

**7.** L-ewwel aggravju ta’ l-appellant huwa bbazat fuq il-premessa illi ghat-tmexxija ta’ l-azzjoni odjerna kontra tieghu kienet mehtiega l-kwerela tal-parti. Issa, la l-artikolu 251B u lanqas il-provvedimenti l-ohra taht is-Sub-titolu IX tat-Titolu VIII tat-Tieni Taqsima ta’ l-Ewwel Ktieb tal-Kodici Kriminali ma jipprovdu illi ghat-tmexxija ta’ l-azzjoni kriminali hi mehtiega l-kwerela tal-parti offiza. Fi kwalunkwe kaz, anke kieku stess kienet mehtiega l-kwerela, l-appellant xorta m’ghandux ragun ghal diversi ragunijiet. L-ewwelnett huwa gie akkuzat mhux biss taht l-artikolu 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta izda anke taht l-artikolu 338(dd) ta’ dak il-Kap. Dan l-ahhar reat huwa kontravvenzjoni kontra l-ordni pubbliku, u skond il-*proviso* ta’ l-artikolu 373 ta’ l-istess Kap. 9, meta r-reat li għalih l-azzjoni kriminali ma tistax titmexxa ħlief bi kwerela tal-offiż, ikun sar flimkien ma’ reat ieħor li jmiss l-ordni pubbliku, il-Pulizija Ezekuttiva tista’ tmexxi l-azzjoni *ex officio* dwar dak ir-reat. Barra minn hekk, skond l-artikolu 543 tal-Kap. 9, il-pulizija tista’ tagixxi, ukoll minghajr il-kwerela privata, fil-kaz ta’ xi reat li jinvolvi vjolenza domestika. It-terminu “vjolenza domestika” hawn ghandu l-istess tifsira moghtija fil-Kap. 481 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe` “kull att ta’ vjolenza, anki jekk verbali biss, li jsir minn membru domestiku wiehed fuq membru domestiku iehor u tinkludi kull ommissjoni li tikkaguna hsara fizika jew morali lil haddiehor.” Huwa minnu illi t-tieni *proviso* ta’ l-artikolu 543(e) jipprovdi li, wara li jkunu nbdew proceduri fil-qorti bis-sahha ta’ dan l-artikolu ghal reat imsemmi f’dan il-paragrafu, vittma allegata ta’ reat li jinvolvi vjolenza domestika tista’ titlob lill-qorti li twaqqaf il-proceduri kontra l-awtur allegat. Izda dan ma jfissirx illi japplikaw ir-regoli li ghalihom jirreferi l-appellant fl-ewwel aggravju tieghu. Fl-ahharnett, anke kieku stess kellu jinghad illi dawn l-proceduri nbdew bil-kwerela privata, mill-verbal tas-17 ta’ Ottubru 2011 ma jirrizultax illi saret talba mill-appellant (allura imputat) biex jigi lliberat (fit-test Ingliz *discharged*).

Il-mekkanizmu msemmi fil-paragrafu (e) ta' l-artikolu 374 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jiskatta jekk tkun saret dik it-talba u l-kwerelat ikun gie hekk illiberat (*discharged*). Ghalhekk, thares minn fejn thares lejh, l-ewwel aggravju ma jistax jigi milqugh.

**8.** Permezz tat-tieni aggravju tieghu l-appellant jilmenta illi s-sentenza tmur kontra l-artikolu 2 tal-Protokoll Numru 7 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet Umani (aktar korrettement il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali). Jghid illi dan l-artikolu jipprovdi ghad-dritt ta' appell ghal kull min jinstab hati ta' reat kriminali. Is-sentenza appellata, isostni l-appellant, hi nieqsa minn motivazzjoni u ghalhekk id-dritt ta' appell huwa ineffettiv ghaliex ma jfornihx bil-mezzi kollha necessarji sabeix huwa jkun jista' jappella stante illi ma jistax ikun jaf fuq xiex ghandu jibbaza l-appell tieghu.

**9.** Din il-Qorti mhijiex foro kostituzzjonali u ghalhekk mhijiex se tidhol f'konsiderazzjonijiet ta' natura kostituzzjonali. Izda bizzejjed jinghad illi, nonostante dan l-ilment ta' l-appellant, dan ma zammux milli jaghmel zewg aggravji preliminari kif ukoll aggravju dettaljat dwar il-mertu tal-kaz. Barra minn hekk is-sentenza li nghatat hi skond il-ligi. L-artikolu 377 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi biss illi meta jinghalaq is-smiegh tal-kawza quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, **"il-qorti, dak inhar stess, jekk jista' jkun, tagħti s-sentenza, billi tillibera jew tikkundanna l-imputat."** U hekk ghamlet l-ewwel Qorti. Filwaqt illi huwa ferm rakkomandabbli li jinghataw ragunijiet ghal decizjoni, in-nuqqas li jinghataw tali ragunijiet la jwassal ghan-nullita` tas-sentenza moghtija u, bhalma wera l-appellant stess f'dan il-kaz, ma jzommx lill-hati milli jintavola appell dettaljat. Ghalhekk anke t-tieni aggravju huwa michud.

**10.** Permezz tat-tielet aggravju l-appellant qieghed jitlob lil din il-Qorti taghmel apprezzament gdid tal-provi. Din il-Qorti effettivament kellha l-opportunita` tisma' x-xhieda *viva voce*. L-appellant jenfasizza illi minhabba konflitt fil-provi huwa kellu jigi lliberat mill-ewwel imputazzjoni. Izda kif jipprovdi l-artikolu 638(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

ix-xiehda ta’ xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar. U kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Thorne** tad-9 ta’ Lulju 2003, *“mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f’kaz ta’ konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f’hiex ser temmnu jew ma temmnux”*[1]

**11.** M’hemmx dubju illi mill-provi jirrizultaw certi inkonsistenzi. Hekk fl-affidavit tieghu P.S. 1386 A. Agius jghid illi Antonella Caruana, bint l-appellant, cemplet l-ghassa biex tirrapporta l-incident. Fix-xiehda taghha Antonella Caruana tghid illi marret l-ghassa tirrapporta. Fl-istess affidavit P.S. 1386 jghid illi mart l-appellant u bintu urew lill-Pulizija saqqu li qalu li kien tefa’ ma’ l-art l-appellant. Fix-xiehda taghha Rita Caruana qalet li kienet hi li tefghet is-saqqu ma’ l-art ghax ma riditx lil zewgha hdejha kif kien jinten fis-sakra. L-appellant ukoll jghid li kienet Rita Caruana li tefghet is-saqqu ma’ l-art, izda jghid li ma kienx fis-sakra u kien jaf x’qed jaghmel. Minbarra li kemm Rita Caruana u Antonella Caruana jghidu li l-appellant dahal fis-sakra, P.S. 1386 jghid fl-affidavit tieghu li l-appellant “kellu riha qawwija ta’ xorb”.

**12.** Mill-provi jidher li dan ma kienx l-ewwel darba li gara incident simili. Difatti l-prosekuzzjoni esebiet sentenza datata 26 ta’ Settembru 2011 kontra l-istess appellant mnejn jidher illi kienu ttiehdu passi kontra tieghu dwar incident li sehh sitt ijiem qabel dwar ingurji fil-konfront ta’ martu u bintu izda li l-procediment gie ezawrit stante li jidher li kien hemm rinunzja. Jidher illi dawn il-kwistjonijiet kienu qeghdin jinqalghu minhabba li l-appellant kien imur id-dar fis-sakra. Minn dak li rrakkontaw mart l-appellant u bintu, apparti li, skond Rita Caruana, l-appellant ghajjar lilha u lil binthom, din il-Qorti hi sodisfatta illi l-agir ta’ l-

[1] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police v. Graham Charles Ducker**, 19 ta’ Mejju 1957.

appellant (fid-dawl tas-sinifikat ta' "vjolenza domestika") kien bizzejjed biex inissel fihom il-biza' kontemplata fl-artikolu 251B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Difatti kien proprju ghalhekk illi Antonella Caruana nfurmat lill-Pulizija. L-appellant qal li qabdu jtuh u hariglu d-demm, izda ma jirrizultax mill-affidavit ta' P.S. 1386 li qal hekk lill-Pulizija, u kwindi din l-allegazzjoni ma tistax titqies wahda kredibbli. Ghalhekk anke t-tielet aggravju huwa michud.

**13.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan illi l-perijodu operattiv tas-sentenza sospiza ta' prigunerija jibda jiddekorri millum. Din il-Qorti spjegat lill-appellant bi kliem car ir-responsabbilita` tieghu taht l-artikolu 28B tal-Kap. 9 jekk huwa jikkommetti matul il-perijodu operattiv reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija. Inoltre tattira l-attenzjoni tar-Registratur ghad-dmirijiet tieghu skond is-subartikolu (8) ta' l-artikolu 28A tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------